TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 266/10

**Frans Xuereb**

**vs**

**David Camilleri f'ismu personali u eżerċenti fin-negozju bit-Trade Name R. Camilleri Marble Works**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Ġunju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti prezz ta' tqegħid tal-irħam li ma kienx komplut.

L-intimat la ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa qabbad lill-intimat sabiex iqiegħed taraġ tal-irħam u minkejja li qiegħdu, kien hemm diversi nuqqasijiet li kellhom jittranġaw iżda dan qatt ma mar biex jirranġhom.

It-Tribunal ordna lir-rikorrenti sabiex isib stima tax-xogħlijiet li baqa' u ġie preżentat stima ta' mitejn u ħamsin ewro, u tmienja w disgħin ċenteżmi (€250.98).

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli stante li l-intimat ma lestielux ix-xogħol.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro, u tmienja w disgħin ċenteżmi (€250.98), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888